



LIĠI
DWAR L-EMENDI GĦALL-ARTIKOLI 2, 20⁷ U 20 TAL-LIĠI DWAR IL-LOGĦOB
TAL-AZZARD TAR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA
NRU IX-325

Nru XV-107 tal-14 ta' Jannar 2025
Vilnius

Artikolu 1. Emenda għall-Artikolu 2

L-Artikolu 2(31) huwa emendat biex jaqra kif ġej:

“31. It-terminu “kontrollur” użat f’din il-Liġi għandu jinftehem bħala t-terminu “benefiċjarju” kif definit fil-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar il-Prevenzjoni tal-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu. Termini oħra użati f’din il-Liġi għandhom jinftehemu kif iddefiniti fil-Liġi dwar il-Prevenzjoni tal-Ħasil tal-Flus u tal-Finanzjament tat-Terroriżmu, il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar il-Kontabbiltà Finanzjarja u l-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar il-Pagamenti.”

Artikolu 2. Emenda għall-Artikolu 20⁷

L-Artikolu 20⁷ huwa emendat biex jaqra kif ġej:

“Artikolu 20⁷. Miżuri għall-ġlieda kontra l-operaturi illegali tal-logħob tal-azzard mill-bogħod u arranġamenti dwar il-limiti tal-pagamenti għall-parteciċipazzjoni fil-logħob tal-azzard illegali mill-bogħod

1. Wara li wettqet investigazzjoni u sabet li operatur tal-logħob tal-azzard illegali jorganizza logħob tal-azzard mill-bogħod fir-Repubblika tal-Litwanja, l-Awtorità Litwana għall-Kontroll tal-Logħob għandha toħroġ waħda mill-istruzzjonijiet obligatorji jew it-tnejn li huma:

1) għall-fornitur ta' servizzi ta' pagament biex iwaqqaf it-tranżazzjonijiet kollha tal-pagament relatati ma' entità involuta f'attivitajiet illegali ta' logħob tal-azzard mill-bogħod mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn ġurnata tax-xogħol minn meta jirċievi l-istruzzjoni obligatorja;

2) biex ineħħi, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 98 tal-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, l-informazzjoni użata għall-operazzjoni illegali tal-logħob tal-azzard mill-bogħod jew ineħħi l-aċċess għal din l-informazzjoni.

2. L-Awtorità ta' Kontroll, bil-ħsieb li toħroġ ordni msemija fil-paragrafu 1(1) ta' dan l-Artikolu, fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mill-iskoperta tal-attività illegali tal-logħob tal-azzard mill-bogħod għandha tippreżenta applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għal applikazzjoni tal-istruzzjoni obligatorja quddiem il-qorti amministrattiva tal-prim'istanza. Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għal applikazzjoni għall-istruzzjoni obligatorja trid tinkludi l-isem tal-persuna li allegatament wettqet il-ksur, in-natura tal-allegat ksur u l-azzjoni maħsuba. Il-qorti amministrattiva tal-prim'istanza għandha teżamina l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għal applikazzjoni tal-istruzzjoni obligatorja u toħroġ ordni motivata li tilqa' jew tiċħad din l-applikazzjoni. L-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għal applikazzjoni tal-istruzzjoni obligatorja trid tiġi eżaminata u għandha tinħareġ ordni mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol wara l-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għal applikazzjoni tal-istruzzjoni obligatorja. Jekk l-Awtorità ta' Kontroll ma taqbilx mad-deċiżjoni tal-qorti amministrattiva tal-prim'istanza li tirrifjuta applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għal applikazzjoni tal-istruzzjoni obligatorja, hija għandu jkollha d-dritt li tappella kontra d-deċiżjoni quddiem il-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Litwanja fi żmien sebat ijiem tax-xogħol mill-jum ta' adozzjoni ta' tali deċiżjoni. Il-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Litwanja trid teżamina l-appell kontra d-deċiżjoni tal-qorti amministrattiva tal-prim'istanza li tiċħad l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għal applikazzjoni tal-istruzzjoni obligatorja mhux aktar tard minn sebat ijiem mid-data tal-wasla tal-appell tal-Awtorità ta' Kontroll. Ir-rappreżentant tal-Awtorità ta' Kontroll għandu jkollu d-dritt li jkun preżenti meta l-appell jiġi ttrattat fi proċedura orali. Deċiżjoni adottata mill-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Litwanja għandha tkun finali u mhux soġġetta għal appell. Il-qrati, meta jeżaminaw it-talbiet u l-appelli li jikkonċernaw il-kwistjoni tal-awtorizzazzjoni għall-applikazzjoni tal-istruzzjoni obligatorja inkwistjoni, iridu jivverifikaw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni riċevuta u l-azzjoni ppjanata.

3. L-Awtorità ta' Kontroll għandha, mingħajr dewmien, tippubblika fis-sit web tagħha l-informazzjoni dwar l-operaturi tal-logħob tal-azzard illegali identifikati li jorganizzaw illegalment il-logħob tal-azzard mill-bogħod fir-Repubblika tal-Litwanja (dawn l-operaturi mhumieks inklużi fil-lista ta' entitajiet awtorizzati biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet tal-logħob tal-azzard mill-bogħod fir-Repubblika tal-Litwanja (minn hawn 'il quddiem imsemmija f'dan l-Artikolu bħala "il-Lista") mhux aktar tard minn 5 ijiem tax-xogħol wara d-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li tagħti l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-applikazzjoni tal-istruzzjoni obligatorja, u għandha tindika l-isem tal-operatur tal-logħob tal-azzard illegali - entità legali jew l-isem u l-kunjom ta' persuna fiżika, l-isem tad-dominju tal-Internet, id-dettalji ta' kuntatt tal-entità legali (indirizz tal-posta elettronika, numru ta' kuntatt), l-isem tal-qorti li tkun adottat id-data tal-applikazzjoni tal-istruzzjoni obligatorja u n-numru tal-ordni. L-informazzjoni dwar l-

operaturi tal-logħob tal-azzard illegali identifikati għandha tiġi ppubblikata sakemm jiġi eliminat il-ksur, jiġifieri l-operatur tal-logħob tal-azzard illegali ma jibqax jorganizza logħob tal-azzard remot fir-Repubblika tal-Litwanja.

4. Fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu jwettaq biss tranżazzjonijiet mibdiya minn kard ta' pagament u/jew tranżazzjonijiet ta' pagament mill-bogħod mibdiya minn kard ta' pagament ma' entitajiet inklużi fil-Lista għall-iskop ta' riċeviment ta' mħatri u/jew ħlas ta'rebħ. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika meta fornitur ta' servizzi ta' pagament li jopera fir-Repubblika tal-Litwanja jeżegwixxi tranżazzjonijiet ta' pagament mibdiya b'kard ta' pagament u/jew tranżazzjonijiet ta' pagament mill-bogħod mibdiya b'kard ta' pagament f'territorji oħra għajr il-ġurisdizzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja u maħsuba biex jirċievu mħatri u/jew iħallsu r-rebħ.

5. Entità għandha tiżdied mal-Lista fid-data li fiha tingħata liċenzja tal-logħob tal-azzard mill-bogħod (permess) u għandha titneħħa mil-Lista fid-data li fiha tiġi rtirata l-liċenzja tal-logħob tal-azzard mill-bogħod (permess). Il-Lista li fiha l-isem tal-entità ġuridika, il-kodiċi tal-entità ġuridika, in-numru tal-kont, in-numru uniku ta' identifikazzjoni tan-negozjant assenjat għal skemi ta' kards ta' pagament kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar it-tariffi tal-interkambju għat-transazzjonijiet ta' pagament permezz ta' kard għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Awtorità ta' Kontroll. L-Awtorità ta' Kontroll għandha taġġorna l-Lista fl-istess jum li fih il-liċenzja (permess) għal-logħob tal-azzard mill-bogħod tinħareġ lill-entità jew tiġi rtirata.

6. Il-proċedura għal-limitazzjoni tal-pagamenti għall-parteċipazzjoni f'logħob tal-azzard mill-bogħod organizzat minn operatori tal-logħob tal-azzard illegali permezz ta' fornituri ta' servizzi ta' pagament li joperaw fir-Repubblika tal-Litwanja għandhom jiġu ddettaljati mill-Awtorità ta' Kontroll bi ftehim mal-Bank tal-Litwanja.

7. L-għan tal-pubblikazzjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu huwa li jiġu żgurati l-interess pubbliku u s-sigurtà pubblika billi jiġu miġġielda l-attivitajiet illegali tal-logħob tal-azzard mill-bogħod, inkluż, iżda mhux limitat għall-prevenzjoni ta' attivitajiet illegali tal-logħob tal-azzard mill-bogħod, kif ukoll li tiġi żgurata t-trasparenza billi l-pubbliku jiġi infurmat dwar l-operaturi illegali tal-logħob tal-azzard sabiex jiġu evitati attivitajiet illegali li joħolqu theddid finanzjarju u soċjali għal gruppi vulnerabbli tas-soċjetà."

Artikolu 3. Emenda għall-Artikolu 29

Jiżdied il-paragrafu 9 li ġej mal-Artikolu 29:

"(9) ifassal u jżomm lista ta' entitajiet intitolati li jwettqu attivitajiet ta' logħob tal-azzard mill-bogħod fir-Repubblika tal-Litwanja."

Artikolu 4. Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni tal-Liġi

1. Din il-Liġi, minbarra l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2025.

2. Id-Direttur tal-Awtorità ta' Kontroll tal-Logħob tal-Azzard taħt il-Ministeru tal-Finanzi tar-Repubblika tal-Litwanja għandu jadotta l-leġislazzjoni ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' din il-Liġi sal-31 ta' Jannar 2025.

B'dan niddikjara li din il-Liġi għaddiet mis-Seimas (il-Parlament Litwan) tar-Repubblika tal-Litwanja.

Il-President tar-Repubblika

Gitanas Nausėda